SANNAT

Minuti ta’ tielet laqg•a tas-sebgħa le•islatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffic•ju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 15 ta’ Lulju ta’ 2009 fis-6.00 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Pre•enti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Manuel Tabone<br>Joseph Bajada |
| Skużat<br>Il-Vi•i-Sindku | Anthony Merċieċa |
| L-Uffi•jali:<br>Is-Segretarju E•ekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba. F’din il-laqgħa tkompliet l-aġenda tal-laqgħa ta’ qabel.

**Item 2 Mill-Minuti**

34 *(para. 32)* Dwar Triq Kalati sar qbil li ssir talba lil-ADT sabiex it-triq kollha ssir *No Parking*.

**Item.2 Korrispondenza**

35 Ittra mill-Action Committee tal-Mġarr ix-Xini Regional Park. Huma qalu li fl-Lulju ser ikomplu l-iskavi arkeoloġiċi fiż-żona ta’ Għar ix-Xiħ li kienu bdew fis-snin ta’ qabel, kif ukoll sejjer jitkompla s-survey arkeoloġiku f’Wied Mġarr ix-Xini. Huma qalu li f’dan l-istadju ser jibdew jaħsbu għal:

1. Konservazzjoni tal-oġġetti misjuba waqt l-iskavi;
2. Pubblikazzjoni tar-rapport dwar l-istess skavi, inkluż miegħu dak dwar l-oġġetti misjuba;
3. *Site Interpretation Centre* anness mal-Park Reġjonali tal-Wied ta’ Mġarr ix-Xini li hemm il-ħsieb li jkun jinkludi mużew żgħir fejn jiġu esebiti b’mod permanenti l-oġġetti misjuba waqt l-iskavi.

Huma talbu li ssir laqgħa konġunta flimkien mal-Kunsilli Lokali ta’ Sannat u tax-Xewkija biex:

1. Jiġu aġġornati dwar l-aħħar żviluppi dawk fuq imsemmija.
2. Jsir ftehim dwar il-passi li jmiss jittieħdu fid-dawl tal-konklużjoni tal-iskavi
3. Issir diskussjoni partikolarment dwar il-ħolqien ta’ *site interpretation Centre*.

Huma ppproponew li l-laqgħa ssir nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Lulju fis-6.00 p.m. fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija.

36 Ittra mingħand Charmaine Attard tal-RTK dwar programm jismu "Qabel il-Weekend" fejn isiru vox pops liż-żagħżagħ. Hi tablet informazzjoni dwar il-lokalita' bħal storja, wirt storiku ta' prominenza fil-lokalita'.

37 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jekk l-E.U. taċċetta l-applikazzjoni tal-Recreational Park f'Ta' Saguna ninfurmaw mill-ewwel lid-Dipartiment u d-Dipartiment tal-Artijiet.

38 Ittra mill-uffiċċju ta' L-Onor. Dr. Chiris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni sabiex issir laqgħa mal-Kunsill il-ġdid fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 13 ta' Awissu fil-11.30 a.m. Is-Sindku qal ma jistax dak il-ħin u ppropona li ssir fit-3.00 p.m. jew fit-12 ta' Awissu 2009 fil-11.30 a.m.

39 Il-Wasteserve Malta Ltd. ser iniedu proġett f'Għawdex u jixtiequ jiltaqgħu mal-Kunsilli Lokali Għawdxin u għalhekk jixtiequ laqgħa qasira fejn jiġu diskussi s-servizzi tal-Wasteserv. Il-Kunsill qabel li ssir din il-laqgħa u għandu jiġi diskuss ukoll is-sitwazzjoni dwar l-*open skips* u l-*bins on wheels*.

40 Amy Bajada offriet li tagħmel summer courses bejn 9 u 13 il-sena u 14 u 18 għal beginners fil-ganutell. Dawn il-korsijiet isiru bi ħlas.

41 Is-Sindku il-ġdid ta' Pisoniano Enzo Aureli bagħat jifraħ lis-Sindku l-ġdid tal-Kunsill Lokali Sannat. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jiktiblu fejn jirreċiproka l-ferħ tiegħu lis-Sindku l-ġdid ta' Pisoniano. Hu għandu jistiednu sabiex jiġi għal festa ta' Sannat.

**Item 3. Ħatra ta' rappreżentanti tal-Kunsill fil-Kumitati Konġunti**

42 Il-Kunsill kellu jaħtar rappreżentant ġdid fil-Kumitat Konġunt tal-Law Enforcement. Il-Kunsill ħatar lil Kunsillier Teddie Bajada bħala r-rappreżentat tiegħu.

43 Il-Kunsill kellu jaħtar rappreżentant ieħor ġdid fil-Kumitat Konġunt tas-Street Lighting. Il-Kunsill ħatar lil Kunsillier Joseph Bajada bħala r-rappreżentat tiegħu.

44 Il-Fundazzjoni Arka talbet donazzjoni ta' €100.

45 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-pooling tal-ħaddiema tal-IPSL. Il-pooling ser jibda mill-1 ta' Awwissu 2009. Huma talbu lill-Kunsilli Lokali sabiex jibgħatu lista tax-xogħlijiet li jridu jagħmlu.

Dawn ix-xogħlijiet huma:

1. Xogħlijiet ta' handymen li jinkludu xogħlijiet fot-toroqb bħal żebgħa ta' bankijiet, tindif ta' mirja, żebgħa ta' sinjali tat-traffiku, etc.
2. Xogħol ta' manutensjoni fit-toroq u proprjeta' amministrata mill-Kunsill.
3. Qtugħ ta' ħaxix u tindif ta' l-istess toroq mhux urbani.

4. Bini ta' ħitan tas-sejjieħ fit-toroq fejn ir-raba hu proprjeta' tal-gvern.

Apparti dawn ix-xogħlijiet jista' jkun hemm xogħlijiet oħra li ma jkunux previsti u jkun hemm bżonn li jsiru b'urġenza.

46 Il-Kunsill ġie nfurmat mis-Segretarjat għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni li ser jiġu mnedija żewġ skemi ta' kompetizzjonijiet li huma:

(a) Local Council Enterprise Support Award Scheme
(b) Local Council Green Challenge Award Scheme

Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'dawn il-kompetizzjonijiet. Żmien hemm sal-31 ta' Lulju 2009 għall-applikazzjonijiet.

**Item 4. Materja Oħra**

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill dwar xi materji pendenti minn tal-Kunsill ta' qabel li huma:

47 Il-BOV bl-approvazzjoni tal-Kunsill ser jagħmel bankina u rampa għall-persuni bi bżonnijiet speċjali quddiem il-bank. Din l-applikazzjoni qiegħda għand il-MEPA. Iktar 'il quddiem għandha ssir ATM.

48 Ġie spjegat l-andament tal-kawza li l-Kunsill għandu rigward il-belveder ta' Skerla mar-residenti ta' Ċenċ Mansions li qed jimpedixxu lill-Kunsill milli jagħmel dan il-belveder.

49 Anton Zarb ta' Cast Iron Products ċempel li waslu l-*bins* bħal dawk li għamel il-Kunsill fi Triq it-28 ta' April 1688 biex il-Kunsill jiġbor il-bin li kellu ordnat.

50 Ġie ffirmat il-ftehim mal-ETC dwar l-iskema Xogħol fil-Komunita' fejn il-Kunsilli Lokali li kienu applikaw biex jingħataw numru ta' ħaddiema għal sitt xhur li jistgħu jiġġeddu. Dan jikkonsisti biex jagħmlu xogħol fil-komunita' li ġa kien mitlub mill-Kunsilli Lokali rispettivi li kienu għamlu t-talba tagħhom.

51 Dwar l-Infiorata, it-Taljani ta' Pisoniano nfurmaw lill-Kunsill li mhux ser jiġu għal festa għaliex parti mill-grupp ma tħallewx jiġu mill-ġenituri tagħhom imħabba l-AH1N1. L-infiorata kienet ser tiġi tiswa 'l fuq minn €1,215 għaliex kienet ser issir bil-fjuri tal-qronfol biss, barra minn dan fil-preżent ma hawnx qronfol lokali.

52 Il-Gvern Ċentrali ser iniedi skema li permezz tagħha ser tingħata għajnuna lill-Kunsilli Lokali sabiex jorganizaw attivitajiet fil-lokalitajiet. Din l-iskema hi dwar l-Inizjattivi ta' Attivitajiet għas-sena 2010. Żmien sabiex issir l-applikazzjoni hemm sal-11 ta' Settembru 2009. Proposti li saru kienu li jsir Wine & Fire Works Festival jew attivita' oħra simili.

53 It-toqob tal-logħob tan-nar tal-art fl-festa hemm bżonn li jinbidlu u jsiru oħrajn ġodda. Sar qbil li jsiru għoxrin toqba ġodda kif ukoll jinġiebu t-tappieri tal-ħadid għalihom bħal dawk il kbar li ġa hemm fil-pjazza.

54 Saret diskussjoni dwar l-Open Skips li hemm fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus kif ukoll dwar it-tliet *bins-on-wheels* li hemm fir-raħal. Dwar l-Open Skips issemma li dawk ta' nhar ta' Erbgħa

jitneħħew u issir l-għassa minn warden nhar ta' Sibt. Dwar il-bins on wheels issemma l-fatt li dawn ukoll qed jinxeħet l-iskart madwarhom.

55 Dwar is-sit ta' d-Daħla ta' Ċnus issemma li jsir *land scaping* ta' dik l-art. Il-perit Edward Scerri għandu jiġi kkuntatjat sabiex jara l-post ħalli tiġi rinovata nkluż tinġieb il-ħamrija.

Proposti oħra li ssemmew huma:

(a) Li jsir kalendarju tal-attivitajiet ta' matul is-sena sabiex l-attivitajiet tar-raħal ma jaħbtux ma xulxin.

(b) Isir reġistru tal-għaqdiet tar-raħal.

**Item 5. Ilmenti**

57 John Attard, Triq tal-Kanal mix-Xewkija ilmenta li l-kanal li hemm fi Triq tal-Gruwa inti u dieħel minn Triq Mġarr ix-Xini nxteħet ħafna imbarazz fih. Dan issa qed jimblokka l-mogħdija tal-ilma għal gol wied. Il-Kunsill qabel li dan it-terrapien jitnaddaf.

58 Rina Camilleri ilmentat dwar il-ħmieġ li qed isibu quddiem id-dar tagħhom fi Triq Palazz Palina, kif ukoll dwar l-skip li kull meta jiġu sibuħ ħdejn it-tieqa. Qed jitolbu sabiex din il-problema tiġi solvuta.

59 Il-Kumitat tas-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita talbu lill-Kunsill sabiex jagħti n-No Objection tiegħu sabiex il-Ħadd, 26 ta' Lulju 2009 f'nofs il-lejl sa Tnejn, 27 ta' Lulju 2009 fis-1.30 a.m. ikunu jistgħu jġibu Brass Band fejn il-każin tagħhom. Il-Kunsil ma sabx oġġezzjoni.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa, 5 ta' Awwissu 2009 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Arthur Bajada — Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella — Sindku



Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535